***- SUB-AGENT TA' SOCJETA' ASSIKURATRICI -***

- ***ESEKUZZJONI TA' KUNTRATTI IN BONA FEDE –***
- ***FRAUS OMNIA CORRUMPIT –***
- ***INTERPRETAZZJONI TA' KUNTRATTI –***
- ***MIN JALLEGA IRID JIPPROVA –***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' April, 2002**

**Kawza Numru 27**
**Citazzjoni Numru 1307/95/RCP**

**Anthony Sammut**

**vs**

**Avukat Dottor Stephen Thake bhala direttur u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Laferla Insurance Agency bhala mandatarja u ghan-nom tad-ditta assikuratrici Crowe Motor Policies at Lloyds; u Mario Grech bhala Managing Director, ghan-**

**nom u in rappresentanza tas-socjeta Middle Sea Insurance Co. Ltd. u b'digriet tat-13 ta' Mejju, 1998 gew kjamati fil-kawza is-socjeta Visa Travel Limited u Charles Sciberras**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-attur kien proprjetarju tal-vettura tal-marka Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni F-8045 liema vettura kienet assigurata mal-konvenuti nomine permezz tal-polizza ta' assikurazzjoni numru 18457-31/03;

Illi fil-11 ta' Awissu 1991 l-attur kien involut f'incident tat-traffiku fi Triq il-Wied, Birkirkara ghal liema incident l-attur gie ritenut unikament responsabbli mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "Mary Doris sive Doris Bonnici vs Anthony Sammut (Citazzjoni Numru 289/93GV)", deciza fit-3 ta' Mejju, 1995, b'liema sentenza l-attur odjern gie kundannat ihallas is-somma ta' elf, tlett mija u hames lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm1,305.69c,0) ghall-

hsara kkagunata fuq il-vettura tal-marka Fiat bin-numru ta' registrazzjoni D-1122, kif ukoll l-ispejjez gudizzjarji tal-kawza imsemmija ammontanti ghal mija hamsa u sittin lira Maltija u sitt centezmi (Lm165.06c,0) lil Mary Doris sive Doris Bonnici, u mija u seba' lira Maltija u hames centezmi (Lm107.05c,0) spejjez tieghu, oltre l-imghax relattiv dekorribbli bir-rata legali;

Illi s-socjetajiet konvenuti debitament interpellati sabiex jonoraw il-*"claim"* maghmula mill-attur taht il-kondizzjonijiet tal-polizza li huwa kellu maghhom, baqghu inadempjenti;

Illi ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti nomine jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti *nomine* responsabbli sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni nkorsi fil-vettura Fiat bin-numru ta' registrazzjoni D-1122 b'konsegwenza ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-11 ta' Awissu 1991 fi Triq il-Wied, Birkirkara u dan in forza tal-polizza ta' assikurazzjoni numru 18457-31/03; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' elf, hames mija u sebgha u sebghin lira Maltija u tmenin centezmu

(Lm1,577.80c0) jew somma ohra verjuri, oltre l-imghax relattiv dekorribbli bir-rata legali skond il-ligi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-10 ta' Lulju, 1995 u ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Awissu, 1995 kontra l-konvenuti *nomine* li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti a fol. 5 tal-process.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti li ecceppew:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur billi l-imsemmi attur ma kienx kopert minn ebda polza ta' assikurazzjoni mahruga mill-eccepjenti;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost anke jekk b'xi mod tirrizulta xi kopertura assikurattiva favur l-attur, din certament ma tkunx testendi ghall-ispejjez gudizzjarji inkorsi mill-attur biex jikkontesta talbiet illi huwa kien jaf illi kienu gustifikati u wisq anqas ghall-imghax dekors fuq somma dovuta lil terzi minhabba l-morozita tal-istess attur.

3. Finalment, l-eccipjent jirriservaw illi fi stadju opportun u f'kaz illi l-provi migjuba mill-attur jindikaw in-necessita illi ssir din it-talba huma jitolbu illi jissejjah fil-kawza lil rappresentant ta' Visa Travel Limited.

4. Salv' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 12 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 12 B tal-process.

Rat il-verbali tal-15 ta' Jannar 1997, 6 ta' Gunju 1997, 21 ta' Jannar 1998, 30 ta' Ottubru 1998, 17 ta' Frar 1999, 3 ta' Novembru 1999, 13 ta' Marzu 2000, 2 ta' Gunju 2000, 7 ta' Novembru 2000 u 27 ta' Frar 2001.

Rat ix-xhieda tal-attur tal-15 ta' Jannar 1997 a fol. 21 tal-process; ta' Joseph Spiteri tal-21 ta' Jannar 1998 a fol. 49 tal-process; tal-kjamat fil-kawza Charles Sciberras tas-27 ta' Frar 2001 a fol.80 tal-process; ta' Charles Galea tal-15 ta' Mejju 2001 a fol. 136 tal-process; ta' Anthony Sammut in kontro-ezami tal-15 ta' Mejju 2001 a fol. 158 tal-process; ta' P.S. Joseph Grima tat-3 ta' Lulju 2001 a fol. 179 tal-process;

Rat l-affidavits ta' Mark Laferla, Charles Galea u Marguerite Delia tas-27 ta' Frar 2001 a fol. 75 sa 78

tal-process u d-dokumenti annessi mal-istess affidavits.

Rat ir-rikors ghall-kjamat in kawza ta' Visa Travel Ltd u Charles Sciberras a fol. 54 tal-process, ir-risposta ghal dan ir-rikors a fol. 55 tal-process u d-digriet ta' din il-Qorti a fol. 56 tal-process fejn din il-Qorti laqghet it-talba w ordnat il-kjamat in kawza ta' l-imsemmija Visa Travel Ltd u Charles Sciberras.

Rat in-Nota ta' Eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza fejn ecceppew:

1. Illi hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex is-socjeta m'hijiex agent ta' assikuratrici izda biss dak iz-zmien kellha awtorita u licenza sabiex tohrog l-polzi ta' assikurazzjoni u mhux li thallas *claims*;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma preskritti fil-konfront tas-socjeta attrici;

3. Illi l-konvenut *proprio* qatt ma innegozja;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kjamati in kawza a fol. 60 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 60 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Jannar, 2002 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi **l-attur** xehed fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 1997 u qal illi : *"dak in-nhar meta jiena mort biex naghmel il-claim hadd ma qalli xejn fis-sens illi jiena ma kontx kopert bil-polizza ta' l-assigurazzjoni li kelli ma l-imsemmija socjeta konvenuta"*. Jghid ukoll illi '*meta kont mort inkellimhom fuq l-incident li kelli jiena sintendi hadt id-dokument B a fol 7 tal-process jew ahjar l-original tieghu'.*

Illi finalment jghid illi *'jiena wara illi kont hallast is-somma ta' Lm25 biex taghmel tajjeb ghall-excess u s-socjeta assiguratrici konvenuta tatni l-ircevuta qatt ma gejt avvicinat mill-istess socjeta konvenuta'.*

Illi fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 1998 xehed **Joseph Spiteri** in rappresentanza tad-Direttur tal-Licenzji. Jghid illi biex id-Direttur tal-Licenzji ikun jista' jgedded licenzja ta' vettura, d-Direttur jesigi illi tintbaghat lilu kopja tac-*'certificate of insurance'*. Jghid illi mill-file jirrizulta illi l-licenzja tal-vettura tat-tip Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni F-8045 kienet tigi rinovata f'Marzu ta' kull sena.

Illi xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit **Mark Laferla** direttur tal-kumpanija assikuratrici Laferla Insurance Agency Ltd. Dan ix-xhud jghid illi dwar il-kaz odjern kien kellmu l-*Claims Manager* tieghu u li minn indagini illi saret mill-impjegati tas-socjeta Laferla Insurance Agency Ltd. irrizulta illi l-attur Anthony Sammut "ma kellux il-polza ta' assikurazzjoni mgedda mal-kumpanija fid-data ta' l-incident in kwistjoni". Jkompli jghid illi sussegwentement *"kien gie pprezentat lilna, permezz ta' ittra mill-konsulent legali tieghu, certifikat bin-numru 61305/91, li kien miktub bl-idejn li mill-ewwel indunajt illi kienet kalligrafija ta' Charles Sciberras illi dak iz-zmien kien jopera bhala salesman taht l-isem ta' VISA Travel"*. Jghid ukoll illi din Visa Travel kellha *computer link up* mal-Head Office tal-Belt u ghalhekk kellhom il-facilita li jdahhlu d-dettalji fis-sistema u c-certifikat jigi printed awtomatikament. *"Ghalhekk*", jghid dan ix-xhud *"jiena kont indunajt mill-ewwel illi dan ic-certifikat ma' kienx*

*gie awtorizzat minni ghaliex ma' kienx gie processat mis-sistema tal-komputer hawn fuq spjegat minni"*.

Illi mir-ricerki li saru mir-rapprezentanti tas-socjeta Laferla Insurance Agency Ltd irrizulta illi n-numru tac-certifikat esebit mill-attur – 61305/91 – huwa l-istess numru illi kien jindika transazzjoni illi kienet sehhet precedentement u cioe` li kienet tkopri l-vettura ghall-perjodu ta' bejn id-9 ta' Marzu, 1991 u l-31 ta' Marzu, 1991.

Illi s-socjeta' rappresentata minn Mark Laferla kienet waqfet lil Charles Sciberras minn *salesman* tal-kumpanija.

Illi xehed ukoll, permezz tal-procedura ta' l-affidavit, **Charles Galea** – *Claims Manager* – mas-socjeta Laferla Insurance Agency Limited. Jghid illi *"dwar il-kaz odjern"* l-attur *"kien gie l-ufficcju u kien kellem xi claim handler li kien qieghed xoghol dakinhar u kienet giet mehuda claim minghandu dwar incident illi sehh fil-11 ta' Awissu, 1991, gewwa Valley Road, Birkirkara"*. L-attur kien hallas l-eccess ta' Lm25.00. Jkompli *"waqt illi l-clerks kienu qeghdin jipprocessaw il-kaz irrizulta illi l-karozza Mercedes 380 bin-numru ta' registrazzjoni F-8045, ma kienitx koperta taht polza ta' assikurazzjoni minhabba l-fatt illi tali kopertura kienet skadiet fil-31 ta' Marzu, 1991"*. Di fatti, dan ix-

xhud jghid, illi l-attur kien gedded il-polza ta' l-assikurazzjoni tieghu fl-20 ta' Awissu, 1991. Minhabba f'hekk fit-22 ta' Awissu, 1991, l-istess xhud kien kiteb lill-attur u infurmah illi l-*claim* maghmula minnu ma setatx tintlaqa'. Sussegwentement, s-socjeta Laferla Insurance Agency Limited giet infurmata mill-konsulent legali ta' l-attur illi huwa kellu fil-pussess tieghu certifikat ta' l-assikurazzjoni bin-numru 18457-31/03 illi kien jkopri l-perjodu ta' bejn id-19 ta' April, 1991 sal-31 ta' Marzu, 1992. Minn indagini illi saret irrizulta illi "*n-numru indikat fuq ic-certifikat u cjoe' in-numru 61305/91 kien effettivament in-numru ta' certifikat mahrug biex jkopri l-perjodu tad-9 ta' Marzu, 1991 sal-31 ta' Marzu, 1991 ".* Anke dan ix-xhud ikkonferma illi c-certifikat ta' l-assikurazzjoni miktub bl-idejn huwa miktub minn Charles Sciberras.

Xehdet ukoll **Marguerite Delia** – *Motor Underwriting Executive* – ma' Laferla Insurance Agency Ltd. Tghid illi "*mir-records illi ghandna fil-komputer jidher illi s-Sur Anthony Sammut kien talab lis-Sur Charles Sciberras ta' Visa Travel, illi kien qieghed jagixxi bhala salesman tal-kumpanija assikuratrici, sabiex tinhariglu polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura tal-marka Mercedes 380 bin-numru ta' registrazzjoni F-8045 sabiex tkopri l-perjodu mid-19 ta' Awissu, 1990 sal-31 ta' Marzu, 1991. Din il-kopertura giet moghtija taht in-numru 18457-31/03".* Tghid ukoll illi l-attur kien

ikkancella din il-polza tramite l-intervent tas-Sur Sciberras fit-12 ta' Settembru, 1990. Sussegwentement, din l-istess polza (certifikat numru 61305/91) regghet giet riattivata – fuq talba ta' l-attur – ghall-perjodu bejn id-9 ta' Marzu, 1991 u l-31 ta' Marzu, 1991. Finalment tghid illi *"mir-ricerki illi jiena ghamilt fuq dan il-kaz jirrizulta illi l-polza bin-numru 18457-31/03 ma' kenitx effettiva fid-data tal-incident in kwistjoni u cioe fil-11 ta' Awissu, 1991".*

Illi xehed, fis-seduta tas-27 ta' Frar, 2001, il-kjamat in kawza **Charles Sciberras** li qal illi huwa kien sub-agent ma' Laferla Insurance. Jghid illi lill-attur jiftakkru u dan peress illi fit-tlett snin li dam ma' Laferla Insurance, *"ghamiltlu diversi karozzi".* Jghid illi kien jimla l-*proposal form manually* u c-certifikati kien johroghom bil-*computer* pero` mhux dejjem u dan peress illi gieli kien hemm problemi bis-sistema ta' *computer*s. Illi ghalhekk gieli c-certifikati kienu jinhargu bl-idejn. Meta dan ix-xhud gie muri c-certifikat immarkat bhala Dok. B a fol. 7 tal-process huwa jghid illi dan ic-certifikat kien huwa li hargu bhala sub-agent, pero' ma jiftakar xejn dwaru. Jghid ukoll illi dan ic-certifikat huwa *renewal* u dan peress illi skond *"invoice … din il-karozza l-ewwel darba kont ghamiltha l-insurance on the 18th August 1990, u dan huwa 1904/91, jigifieri fil-bidu kien hemm iehor, this is a renewal ghandi nahseb"*. Jghid illi l-individwu kien

kopert mit-18 ta' Awissu, 1990 sa meta taghlaq l-ittra F skond il-Pulizija. Wara inhareg ic-certifikat immarkat bhala Dok. B (a fol. 7 tal-process) u b'hekk kien kopert mid-19 ta' April, 1991 sal-31 ta' Marzu, 1992. Mistoqsi jispjega kif gie n-numru tas-sekwenza li hemm fuq ic-certifikat, dan ix-xhud jghid illi *"anke kieku dak in-nhar flok kienet renewal kienet gdida, jiena inkun cempilt, mela dak tawuwli mill-ufficcju".*

In kontro-ezami dan ix-xhud jghid illi huwa kien ikun awtorizzat johrog ic-certifikati ghan-nom ta' Laferla Insurance Agency Ltd. u li fi zmien jumejn jew tlett ijiem kien jibghat ic-certifikati li jkun hareg f'dak il-perjodu. Jghid ukoll illi Laferla qatt ma kienu oggezzjonawlu jew baghtulu lura xi certifikat.

Illi Charles Galea gie riprodott fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2001 fejn qal illi "*Fin-1986 il-kumpanija Laferla Insurance marret full computerised, u s-sistema tal-Agenti kienet tahdem hekk. Konna naghmlulhom computer link up mal-head office il-Belt, kienu fejn kienu madwar Malta u b'din is-sistema huma kellhom l-access ghas-sistema fil-main office u kien ikollhom il-possibilita li jinxurjaw in-nies, johorgu c-certifikat via l-computer system*". Dwar ic-certifikat jghid illi dan fih zewg numri li huma relattivi. "*Wahda li huwa l-Policy Number li jkun unique ghal dik ir-riskju, u l-iehor huwa Certificate Number li jkun consecutive, johrog minn*

*fuq is-sistema dirett u jkun unique ukoll ghal dak ic-certifikat"*. Mistoqsi jekk setax inhareg certifikat manwalment dan ix-xhud jghid illi *"mhux suppost li kienu johorgu certifikati manwalment. Kienu johorgu mis-sistema".* Anke jekk kien, per ezempju jinqata d-dawl, kellhom jistennew li jerggha jigi d-dawl lura u b'hekk is-sistema tkun tista taghti n-numru. Mistoqsi in kontro-ezami jekk kienux izommu file ghal kull klijent, dan ix-xhud jghid illi le, pero s-sistema kienet illi *"meta bniedem jmur ghand xi agent trid timtela' Proposal Form, issa jekk l-agent jaccettah dak il-hin johrog ic-certifikat, ic-certifikat jibda bhala a security measure, jibda mill-ghada tad-data tal-proposal form. Fil-frattemp il-proposal form mad-dokumenti l-ohra li kien ikun hemm bzonn necessarji, jghaddu l-ufficcju".* Mistoqsi jekk Laferla Insurance Agency Ltd qattx hadet passi sabiex jigi dikjarat null ic-certifikat ta' assikurazzjoni, dan ix-xhud jghid: *"Le"*.

Illi fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2001 xehed **PS 298 Joseph Grima** li qal illi huwa kien ta' 48 siegha lill-attur sabiex jiehu l-licenzja u l-insurance l-ghassa u dan peress illi meta s-Surgent mar fuq il-post ta' l-incident, l-istess attur ma kellux fuqu dawn id-dokumenti. In oltre, dan ix-xhud jghid illi sal-lum dawn id-dettalji ghadhom ma tnizzlux fl-okkorrenza u dan peress illi hadd ma kien ghadu dahhalhom fuq il-*computer* tal-Pulizija.

Illi xehed in kontro-ezami **Charles Sciberras**. Jghid illi meta kollox kien normali, huwa kien jentra d-dettalji tal-persuna koncernata fil-*computer* u johrog ic-certifikat. Meta kien ikun hemm xi problemi, huwa kien icempel, jaghtuh in-numru u johrog ic-certifikat b'idejh dak il-hin stess. Jghid ukoll illi "*kien jkollna l-awtorita li ghandna c-certifikati diga iffirmati mill-insurance li ahna nimlewhom biss. Dik kienet haga ta' kuljum".*

## III. KONSIDERAZZJONIJIET ULTERJURI

Illi din il-Qorti tibda biex tghid illi l-konkluzjoni li waslet ghaliha ma kienitx wahda facli u dan minhabba n-nuqqas ta' carezza fil-provi prodotti u dan kien dovut ghall-mod kif kienu jigu *underwrited* l-istess *renewals* tal-poloz ta' assikurazjoni in ezami, kif jirrizulta kemm ghall-atti tal-kjamata fil-kawza, kif ukoll ghas-sistema addottata mis-socjeta' konvenuta, specjalment meta il-*computer system* taghhom ma kienitx ghal xi raguni tiffunzjona. Li jirrizulta bic-car huwa li dwar dan il-kaz kien hemm konfuzjoni shiha min-naha tas-socjeta konvenuta u min-naha tal-kjamat in kawza, anke tenut kont tal-fatt li l-istess kjamata fil-kawza bhala sub-agenti tal-istess socjeta' konvenuta kien ikollha *renewal certificates* li kienu diga u *a priori* ffirmat mill-

istess socjeta' konvenuta bhala *Laferla Insurance Services Limited.*

Illi meta wiehed jiehu l-assjem tal-provi kollha ghandu jirrizulta illi Visa Travel Limited kienet sub-agent ta' Laferla Insurance Agency Limited u bhala tali fir-rigward ta' terzi persuni kienet tidher li qed tagixxi ghan-nom tal-istess socjeta' konvenuta. Illi Charles Sciberras ghan-nom ta' Visa Travel Limited kien hareg *"certificate of motor insurance"* bin-numru 61305/91 liema polza kienet tibda mid-19 ta' April, 1991 u tispicca fil-31 ta' Marzu, 1992. Illi kuntrarjament ghal dak li kien jigri s-solitu, dan ic-certifikat inhareg bl-idejn. Illi fil-11 ta' Awissu,1991 sehh incident awtomobilistiku bejn il-vettura ta' l-attur numru ta' registrazzjoni F-8045 u dik misjuqa minn Alan Bonnici bin-numru ta' registrazzjoni D-1122.

Illi s-Surgent PS 298 Joseph Grima li ghamel l-investigazzjoni dwar il-habta hawn indikata *fir-road accident report* jghid illi z-zewg vetturi kienu licenzjati ghas-sena 1991. Pero' dan is-Surgent fix-xhieda tieghu jghid illi huwa ma kienx inghata dettalji ta' l-insurance mill-attur u ghalhekk dan il-Pulizija ta lill-attur 48 siegha biex jmur l-Ghassa tal-Pulizija u jaghtih id-dettalji rikjesti.

Illi sussegwentement, l-attur mar jaghmel il-'*claim*' relattiva ma' l-insurance u di fatti fit-13 ta' Awissu, 1991 (*vide* fol. 6) l-attur hallas l-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25) bhala *excess* ghall-*claim* dwar l-incident hawn fuq imsemmi. Fit-22 ta' Awissu, 1991 Charles Galea, il-*Claims Manager* ta' *Laferla Insurance Agency Ltd* kien kiteb lill-attur u infurmah illi l-*claim* maghmula minnu dwar l-incident awtomobilistiku tal-11 ta' Awissu, 1991 ma setatx tintlaqa u dan peress illi l-polza ta' l-assikurazzjoni kienet skadiet fil-31 ta' Marzu, 1991.

Illi s-socjeta' kjamata in kawza Visa Travel Limited ma baqghetx tahdem ma' Laferla Insurance Agency Limited u dan ftit taz-zmien wara li sehh dan l-incident ghalkemm Charles Galea, l-*Claim*s Manager ta' Laferla Insurance Agency Ltd jghid illi din il-kumpanija waqfet *"mhux minhabba dan il-kaz".*

Illi ma jirrizultax illi ittiehdu xi passi legali la kontra Visa Travel Limited u lanqas kontra Charles Sciberras minkejja l-allegazzjoni li l-polza hawn fuq indikata harget "*illegalment mir-rappresentant tas-socjeta esponenti Visa Travel Limited unilateralment jew bi ftehim doluz mal-istess attur".*

Illi minkejja dak li kienet ivverbalizzat fil-verbal tas-27 ta' Frar, 2001 u cioe` li s-socjeta konvenuta *"tesebixxi*

*kopja awtentika tad-dokumenti kollha relattivi"* flimkien "*mad-dokumenti kollha originali"* (fol. 73) u minkejja dak li xehed Charles Galea u cioe` li *"l-proposal form mad-dokumenti l-ohra li kien ikun hemm bzonn necessarji jghaddu l-ufficcju"* dawn id-dokumenti baqghu qatt ma ngiebu l-Qorti hlief ghal dawk esebiti minn fol. 110 sa 119 tal-process. Dawn zgur mhux provi bizzejjed biex jitwaqqa d-dokument li hemm esebit a fol. 7 tal-process.

Illi din il-Qorti minghajr l-ebda esitazzjoni tghid u taqbel illi c-certifikat li hemm esebit a fol. 7 tal-process jidher li huwa validu u ghalhekk il-konvenuti kellhom jaghmlu tajjeb ghall-incident li sehh fil-11 ta' Awissu, 1991, u dan peress li mill-istess dokument jirrizulta car li huwa iffirmat mill-istess socjeta’ konvenuta, tant li dan il-fatt ma gie fl-ebda stadju ta’ din il-procedura odjerna, u lanqas permezz ta’ proceduri ohra kkontestat.

Illi fil-fatt l-istess dokument fih id-dettalji necessarji kollha sabiex issir tali rennovar tal-polza ta’ assikurazzjoni li l-attur gja kellu tramite l-istess socjeta’ konvenuta, mahruga bl-istess mod permezz tal-sub-agent taghha s-socjeta’ kjamata fil-kawza u l-kjamata fil-kawza stess.

Illi wkoll mid-dettalji tal-istess skrittura u dikjarazzjoni da parte tas-socjeta' konvenuta jidher ghalhekk li l-polza li kienet tkopri l-perjodu bejn id-19 ta' April 1991 u l-31 ta' Marzu 1992, relattiv ghall-attur u l-karozza hemm indikata Reg. No. F – 8045 kienet tkopri l-incident awtomobilistiku li gara fil-11 ta' Awissu 1991, u dan stante li l-polza kienet wahda *third party full fire and theft*, u ghalhekk kienet tkopri l-hsara li l-assikurat taghha ikun ikkawza lill-terzi persuni fil-perjodu tal-polza.

Illi huwa veru li qam dizgwid fuq in-numru tal-istess polza 18457 – 31/03, fejn is-socjeta' konvenuta qed tghid li dan kien jirreferi ghan-numru tac-certifikat li kien hareg qabel u kien joffri kopertura biss sal-31 ta' Marzu 1991, liema socjeta' wkoll sostniet li tali numri tac-ceritifikati huma accessibbli biss permezz ta' sistema ta' sigurta' kompjuterizzata, u tali numru ma harigx u lanqas kienet konoxxenti tieghu l-istess socjeta' konvenuta, pero' dan ma jfisser xejn fil-konfront tal-attur, peress li jibqa' l-fatt li l-istess socjeta' konvenuta kienet tforni lis-sub-agenti taghha b'certifikati gja iffirmati u li awtorizzat lill-istess sub-agenti taghha sabiex tohrog l-istess direttament lill-klijenti taghha.

Illi huwa veru wkoll li Mark Laferla fl-affidavit tieghu sostna li l-istess certifikat ma kienx awtorizzat minnu

stante li ma giex ipprocessat mis-sistema tal-kompjuter taghhom, pero' anke dan fl-isfond tal-pendenza odjerna u di fronte tal-attur ma jfisser xejn stante li imkien mill-istess certifikat a fol. 7 tal-process ma jirrizulta li tali certifikat kien kondizzjonat ghal xi permess iehor, ta' Mark Laferla jew xi hadd iehor mill-istess socjeta'. Anzi mill-istess dokument ma hemm l-ebda dubju li l-istess certifkat kien wiehed finali ghall *cover* u ghall perjodu li kien fih indikat.

Illi l-argument l-iehor li l-istess socjeta' konvenuta jidher li ghafset hafna fuqu huwa dak li bih issostni li kollox kien jitnizzel bis-sistema kompjuterizzata u mhux bil-miktub kif kien l-istess certifikat, pero' jibqa' l-fatt li meta mistoqsi diversi drabi Charles Galea, *Claims Manager* tas-socjeta' konvenuta, ma setghax jeskludi li anke wara li l-istess sistema tas-socjeta' konvenuta giet kompjuterizzata, ma kienx hemm certifikati li inhargu bil-miktub ; u fil-fatt certament li dan ma setghax jigi eskluz tenut kont tal-fatt li s-socjeta' konvenuta stess esebiet certifikat iehor bil-miktub fuq l-istess karozza ghall-istess kopertura identika pero' fuq certu Philip Agius miktuba mill-istess kjamat fil-kawza Charles Sciberras, bla ma tat ebda spjegazzjoni kif tali dokument mimli mill-kjamat fil-kawza kien ukoll ghandha.

Illi dan kollu juri li kif inhareg ic-certifikat u jista' jkun anke certifikati ohra mill-kjamat mill-kawza ma kienx ghal kollox ezatt, u jista' jkun li l-kjamat fil-kawza ma segwiex il-procedura interna stabbilita bejnu u bejn l-istess socjeta' konvenuta, pero' dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-istess kjamat fil-kawza kien awtorizzat sabiex johrog certifikati gja ffirmati mis-socjeta' konvenuta favur il-klijenti tieghu u dawk tas-socjeta' konvenuta, u la darba l-istess kjamat fil-kawza pprezenta ruhu bhala agent tal-principal tieghu, u fil-fatt kien l-agent tal-principal tieghu fil-hrug tal-istess certifikati, allura jsegwi li l-effett ta' tali rappresentanza fil-hrug tac-certifkat ghandu jkollu effett favur jew kontra l-istess principal, f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta u dan anke *ai termini* tal-**artikoli 50 tal-Kap 13** u d-disposizzjonijiet relattivi tal-**Kodici Civili** dwar il-mandat.

Illi dan qed jinghad inkwantu wiehed qed jirreferi ghall-att fiziku tal-hrug tac-certifikat tal-koperta` ta' polza favur l-attur, ghaliex f'dan il-kaz jirrizulta li c-certifikat *de quo* huwa adirittura ffirmat mill-istess socjeta' konvenuta direttament, b'mod li r-relazzjoni guridika li nholqot permezz tal-istess certifikat kienet direttament bejn l-istess socjeta' konvenuta, permezz tal-firma taghha u l-attur, u ghalhekk f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li permezz tal-hrug tal-istess certifikat

inholqot relazzjoni veljanti bejn iz-zewg partijiet b'mod dirett.

Illi ghalhekk la darba l-kontenut tal-istess kuntratt jew ftehim jew transazzjoni huwa car hija regola fondamentali tal-ligi li dawn ghandhom jigu applikati fis-sens normali taghhom tant li skond l-**artikolu 1002 tal-Kodici Civili** hemm stipulat illi "*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni*". Dwar dan lanqas f'din il-kawza ma hemm dubju dwar is-sinifikat u l-konsegwenzi tac-certifikat *de quo.*

Illi huwa wkoll ta' importanza massima fil-ligi dwar relazzjonijiet bejn persuni "*il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"** u **"General Cleaners Company Limited vs Accountant General" –** P.A. (RCP) – 29 ta' Novembru 2001).

Illi dan iwassal ghall principju iehor stabbilit li jirritjeni li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in *'bona fede'* u li

jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha tali obbligazzjoni". **("Joseph Francis Depares nomine vs John O'Dea nomine"** - Appell 25 ta' Gunju 1996).

Il-konsegwenza ta' kull ftehim ghalhekk hija li l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jaghmlu sens (jekk jista' jkun bwon sens) u il-kuntratti ghandhom ikunu interptretati *in bona fede* ("**Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et"** - P.A. (WG) 30 ta' April 1987). Fil-kuntest odjern dan ifisser li c-certifikat mahrug favur l-attur a fol. 7 tal-process ghandu l-effetti tieghu diretti bejn l-istess attur u s-socjeta' konvenuta kif gja inghad iktar il-fuq, la darba l-istess socjeta' konvenuta ma kkontestatx *per se* l-ezistenza ta' tali dokument, li ma hemm l-ebda dubju lanqas li huwa iffirmat addirittura minnha.

Illi pero' ghal din ir-regola hemm l-eccezzjoni fil-kaz biss li  jirrizulta li agir u konsegwenti hrug tal-istess certifikat kien rizultat ta' *male fede*  jew da parti tal-persuna li harget l-istess certfikat jew inkella tal-attur jew tat-tnejn, u ma hemm l-ebda dubju li dak huwa li s-socjeta' konvenuta qed tallega fic-cirkostanzi odjerni, u  ghalhekk huwa sintomatiku dak li sostniet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Edward Enriquez et vs Avukat Dr. Anthony Farrugia "senior" et nomine"** (P.A. (GCD) 12 ta' Ottubru, 1995) li :-

*"Il-Qorti tifhem li fejn jirrizulta agir skorett li juri 'mala fides' ma ghandhiex thalli lil min jahti ghal dan l-agir jiehu vantagg mill-'mala fides' tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il-'bona fides'. L-ebda negozju giuridiku ma ghandu immunita` mill-principju 'fraus omnia corrumpit'. Jekk biex ikun newtrallizat l-effett tal-'mala fides' huwa mehtieg li l-Qorti tipprexxindi mill-personalita` separata ta' persuna morali, il-Qorti hija lesta li tiehu dan il-pass"*.

Illi din il-Qorti hija tal-istess fehma dwar il-principju fuq sancit anke in vista tal-masima *"fraus omnia corrumpit"*, izda min-naha l-ohra jinghad li s-socjeta' konvenuta bl-ebda mod ma ippruvat li kien hemm *mala fede* jew frodi mis-sub-agent taghha jew mill-attur fil-hrug ta' tali certifikat, li kien allura jannulla l-effetti tal-istess ftehim jew rabta, u dan huwa fatali ghall-istess socjeta' konvenuta, stante li ma hemm l-ebda dubju wkoll li kien oneru taghha li tipprova dan, stante li l-istess versjoni kienet ghal kollox allegazzjoni taghha, u huwa principju daqstant accettat fil-gurisprudenza nostrali li min jallega irid jipprova.

Illi dan qed jinghad wkoll in konsiderazzjoni tal-fatt li anke jekk is-socjeta' konvenuta dehrilha li l-istess kjamat fil-kawza, sub-agent taghha, ma mexxiex skond ir-regoli stabbiliti bejniethom fil-hrug tal-istess

certifikat, fin-nuqqas tal-prova fuq indikata ta' frodi jew *mala fede*, dan ma jwassalx sabiex jigi annulat l-istess certifikat iffirmat minnha, izda *se mai* jista' jwassal ghall-azzjoni da parte taghhom *sic et quatenus* kontra l-istess kjamat fil-kawza, u dan iktar u iktar meta l-allegat frodi fil-konfront tal-istess kjamat fil-kawza ma gietx ippruvata.

Illi huwa ovvju li kieku gie ppruvat frodi fil-hrug tac-certifikat premess il-konsegwenzi kienu jkunu mod iehor u fin-nuqqas tal-istess u f' dan il-kuntest wiehed jirreferi wkoll ghas-sentenza **"Dr. Hose' Herrera nomine vs Tancred Tabone et nomine"** (A.K. 22 ta' Jannar 1992) "*skond l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fidi u jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom, izda dak li l-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha bl-ekwita` bl-uzu jew bil-ligi".* **("Joseph Falzon vs Calcedonio Cuschieri"** - A.C. 23 ta' Ottubru 1936 - XXIX.i.1408) **– "Malta Development Corporation vs Zet Limited" A. C.** 5 ta' Ottubru 1991 – P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru 1999).

Illi huwa sintomatiku f'dan il-kuntest li l-istess socjeta' konvenuta nonostante l-allegazjonijiet taghha qatt ma ippruvat tannulla l-istess certifikat *di fronte* tal-attur, u mhux biss izda jidher li lanqas qatt ma agixxiet kontra l-istess sub-agent taghha, nonostante l-allegazzjonijiet

minnha vantati kontra tieghu f'din il-kawza zmien wara l-hrug tal-istess certifikat; il-fatt li tali relazzjoni bejn l-istess socjeta' konvenuta u l-kjamati in kawza inqatghet llum ma tfissser xejn ghaliex is-socjeta' konvenuta stess ammettiet li dan ma kienx konsegwenza ta' dan il-kaz, u dan fih innifsu jikkoferma li anke wara dan il-kaz is-socjeta' konvenuta baqghet taghmel uzu mis-servizzi tieghu.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet indikati l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta anke ghaliex da parte tal-attur ma jidher li gie ppruvat ebda agir skorrett u in verita' dan lanqas gie vantat.

Illi dwar l-ispejjez kollha li l-attur soffra minhabba l-fatt illi s-socjetajiet konvenuti ma wettqux l-obbligu taghhom u cjoe' li jhallsu lill-Mary Doris sive Doris Bonnici ghall-incident li sehh tort tal-attur odjern dawn ghandhom jwiegbu ghalihom l-istess socjetajiet konvenuti, anke ghaliex jidher li l-istess socjetajiet konvenuti naqqsu li jaccetaw il-*claim* tal-attur meta u fiz-zmien li l-attur kien jirrizulta kopert kontra r-riskji indikati fil-polza tieghu ta' *third party full, fire and theft* u tali certifikat indika li l-istess polza kienet giet rinnovata favur l-attur. L-ispejjez indikati gew ippruvati mis-sentenza kontra l-istess attur minnu citati u mid-dokumenti relattivi rigwardanti l-ispejjez, kontra liema

is-socjetajiet konvenuti ma gabu l-ebda prova, lanqas fil-kuntest tat-tieni eccezzjoni taghhom, apparti li ma jidher li giet prezentata ebda nota ta' osservazzjonijiet minnhom fit-terminu lilhom moghti.

Illi ghalhekk it-tieni talba attrici ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti u fil-waqt li tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-kjamati fil-kawza, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

(1) Tiddikjara li l-konvenuti nomine ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mill-vettura numru D-1122 b'konsegwenza ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-11 ta' Awissu, 1991 fi Triq il-Wied, Birkirkara;

(2) Tikkundanna lill-konvenuti nomine sabiex jhallsu lill-attur is-somma ta' elf hames mija sebgha u sebghin lira u tmenin centezmu (Lm1, 577.80).

Bl-imghax legali mid-data tal-1 ta' Jannar 1992 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-kjamati fil-kawza u ta' l-ittra interpellatorja datata 10

ta' Lulju, 1995 u ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Awissu, 1995 kontra l-istess konvenuti nomine.

**Moqrija.**

**Onor. Raymond C. Pace LL.D.**
**25 ta' April, 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**25 ta' April, 2002**